# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Numru 2134

**Kaz Numru 2714DeG**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Martin Fenech (ID 213673M)**

**u**

**Vassallo Builders Group Ltd. (C2448)**

**dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ingusta**

**Chairman: Is-Sur Antoine DeGiovanni**

**Illum l-Erbgha 14 ta' Marzu 2012**

## 1. Riferenza

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' nota pprezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri nhar il-25 ta' Settembru 2009.

## 2. Rapprezentanza

2.1 Martin Fenech, li minn issa 'l quddiem ser jissejjah ir-rikorrent, fil-bidu kien meghjun mill-Avukata Giannella Busuttil. Wara s-sitt seduta r-rikorrent kien meghjun mill-Avukat Noel Camilleri.

2.2 Il-kumpanija Vassallo Builders Group Ltd. li minn issa 'l quddiem ser tissejjah il-kumpanija intimata, kienet irrapprezentata minn George Mangion meghjun mill-Avukat Aldo Vella.

## 3. Fatti fil-qosor tal-kaz

Ir-rikorrent beda fl-impieg fil-kariga ta' Haddied mal-kumpanija intimata nhar is-17.09.90 fuq kuntratt *whole-tim*e ghal zmien minghajr terminu. Nhar il-21.05.09, fiz-zmien meta ma setax jittiehed *leave* minhabba pressjoni ta' xoghol kuntrattat bil-penali, ir-rikorrent allegatament gharraf bil-fomm lill-*Foreman* tieghu li nhar is-Sibt 23.05.09 ma setax jidhol jahdem bis-sahra ghaliex kellu bzonn jiehu lil ibnu l-Isptar, u wkoll talbu biex nhar is-26.05.09 jiehu saghtejn *leave* bejn id-9.30am. u l-11.30am. ghaliex kellu bzonn jaghmel qadja. Ir-rikorrent jghid li l-*Foreman* wiegbu li ma kinitx problema. Meta nhar is-26.05.09 mar javza lill-*Foreman* li kien ser johrog bil-*leave* dan wiegbu li ma kienx jista' japprovalu l-*leave* ghaliex kien hemm ordni kuntrarja applikabbli ghal kulhadd. Ir-rikorrent deherlu li galadarba

kien ga kellu l-approvazzjoni seta' jitlaq xorta wahda, u hekk ghamel. Meta rritorna f'12.12pm. kien mgharraf li l-impieg tieghu kien intemm.

**4. Lista tax-xhieda**

4.1 George Mangion u Chris Vassallo xehdu ghall-kumpanija intimata.

4.2 Roderick Gafa u Chris Galea xehdu ghar-rikorrent, u r-rikorrent xehed ghalih innifsu.

4.3 John Persiano kien xhud komuni.

**5. Lista ta' dokumenti**

5.1 Ir-rikorrent esebixxa:

5.1.1 Id-dikjarazzjoni tal-kaz konsistenti f'seba' pagni li kienu jinkludu zewg dokumenti ta' tliet pagni minghajr riferenza.

5.1.2 Kopja ta' certifikat mediku datat 26.05.09 rilaxxat f'isem ir-rikorrent mit-tabib A. Zammit M.D. immarkat, Dok MF1 .

5.1.3 Kopja ta' certifikat mediku datat 23.05.09 rilaxxat mill-ispecjalista' V.Mercieca Spec. Paed. (Leuven) f'isem Liam Fenech, iben ir-rikorrent immarkat, Dok.MMFF1.

5.2 Il-kumpanija intimata esebiet:

5.2.1 Id-dikjarazzjoni tal-kaz konsistenti f'seba' pagni flimkien ma hmistax -il dokument immarkati minn Dok.A sa Dok.M.

5.2.2 Sensiela ta' hmistax il-*Time Sheet* komplessivament immarkati Dok.GM1.

5.2.3 Kopja ta' formola interna tat-temma tal-impieg immarkata, Dok.GM2.

**6. Gabra fil-qosor tax-xhieda**

6.1 **Roderick Gafa,** impjegat fil-kariga ta' *Welder/Burner* mal-kumpanija intimata, stqarr li ghal xi zmien qabel u wara Mejju 2009, hu flimkien ma' impjegat iehor ta' nazzjonalita barranija jismu Emir, kienu qeghdin jahdmu fuq struttura tal-hadid f'garaxx differenti minn dak fejn kien qieghed jahdem ir-rikorrent flimkien ma' Chris Galea. Zied jghid li ghalkemm f'xi hinijiet qosra, bhal per ezempju fil-hin tal-mistrieh, gie li mar fil-garaxx fejn kienu qieghdin jahdmu r-rikorrent u Chris Galea, hu ma sema' ebda konverzazzjoni bejn ir-rikorrent u John Persiano dwar xi *leave*. Meta r-rikorrent talbu biex jixhed ghalih f'dan il-kaz quddiem it-Tribunal Industrijali, hu qallu li ma xtaqx jixhed ghaliex kien ghadu jahdem mal-kumpanija, izda r-rikorrent insista li jixhed. Wara xi zmien ftakar li hu ma setax kien prezenti fejn kien qieghed jahdem ir-rikorrent fiz-zmien tal-incident, ghaliex dak iz-zmien kien qieghed jahdem fuq struttura kbira f'garaxx iehor. Meta ftakar dan, cempel lir-rikorrent u qallu b'kollox, izda

r-rikorrent kompla jinsisti li jitla' jixhed. Ix-xhud kompla li hu sar jaf li r-rikorrent tkecca mill-impieg ghaliex meta gie jiehu l-affarijiet tieghu personali kien qallu r-rikorrent stess li kien tkecca ghaliex kien talab il-*leave* u minkejja li l-*Foreman* qallu li ma setax japprovah telaq xorta wahda minn fuq il-lant tax-xoghol. Ix-xhud temm jghid li hu gie li kellu konverzazzjonijiet mar-rikorrent, izda qatt ma tkellmu dwar il-kundizzjoni medika ta' iben ir-rikorrent.

6.2 **Chris Galea**, impjegat fil-kariga ta' *Welder* mal-kumpanija intimata ghal dawn l-ahhar ghaxar snin, stqarr li jaf lir-rikorrent ghaliex gie li hadmu fuq xoghol flimkien mal-istess kumpanija intimata. Zied jghid li nhar it-Tnejn u t-Tlieta 25 u 26.05.09 hu kien xoghol fuq sit tal-kostruzzjoni u mhux fic-centru ewlieni tal-Mosta, u t-Tlieta nhar is-26.05.09 meta dahal lura fil-garaxx il-Mosta sema' minghand John Persiano li r-rikorrent tkecca mix-xoghol ghaliex telaq minghajr ma kellu *leave* approvat, u dan fi zmien meta ma setax jittiehed *leave*. Ix-xhud kompla li l-gimgha ta' qabel l-incident hu kien hadem fil-*workshop* l-iehor fejn kellu l-bank tal-ghodda, u ghalkemm seta' kien hemm mumenti meta dahal fejn kien qieghed jahdem ir-rikorrent, qatt ma sema' lir-rikorrent jitlob il-*leave* lil John Persiano.

6.3 **George Mangion*,*** impjegat fil-kariga ta' *Human Resources Manager* mal-kumpanija intimata, stqarr li r-rikorrent kien ilu jahdem mal-kumpanija intimata sa mis-17.09.90. Matul iz-zmien tieghu fl-impieg, ir-rikorrent ghamel hafna uzu mill-*leave* ghall-mard, izda t-tabib gie li ma sabux id-dar. Kien hemm ukoll okkazjonijiet li ma attendiex ghax-xoghol minghajr permess, telaq minn fuq il-lant tax-xoghol minghajr ma jaghti l-avviz rikjest ta' tlett ijiem, u ma kienx jahdem bis-sahra fil-waqt li kien jaghmel xoghol privat fil-garaxx li kellu. Waqt il-kontro-ezami x-xhud ikkonferma li bejn l-20.03.09 u s-26.05.09 ir-rikorrent hadem bis-sahra, u li d-drabi li kienu indikati bil-kulur blu fid-dokumenti pprezentati u mmarkati Dok.C u interpretati li kien assenti mix-xoghol, fil-fatt kien prezenti, izda l-imsemmija granet tax-xoghol kien ghamilhom Tigne minflok il-Mosta. Dan gara ghaliex kuntrarjament ghal dak li kien xehed qabel, l-impjegati mhux dejjem jattendu l-Mosta fil-bidu tal-jum tax-xoghol. Nhar is-26.05.09, minhabba li kien hemm ordni *in vigore* li ma jinghatax *leave* jekk mhux ghal bzonnijiet partikulari, John Persiano cempillu u qallu li r-rikorrent kien talbu l-*leave,* izda ma kienx qallu r-raguni ghaliex ried jiehu l-*leave*. Hu wiegeb lil John Persiano li fic-cirkustanzi ma setax japprova t-talba. Wara li skada l-hin tal-mistrieh ta' nofs siegha, John Persiano rega' cempillu u qallu li r-rikorrent kien hareg fid-9.00am. u ma regax lura wara l-hin tal-mistrieh. Aktar tard cempillu Chris Vassallo u qallu li lir-rikorrent ma ridux lura fl-impieg meta jidhol lura wara l-assenza ta' dak il-jum. Meta r-rikorrent wasal lura, il-gwardjan tal-bieb waqqfu u qallu li ma setax jidhol, izda skortah sa l-ufficcju tieghu minhabbba li r-rikorrent kien talab li jkellmu. Ix-xhud zied jghid li meta kienu flimkien fl-ufficcju lir-rikorrent qallu li l-ordni kienet li min jitlaq minn fuq ix-xoghol minghajr *leave* approvat, jintemmlu l-impieg. Ix-xhud ippermetta lir-rikorrent li jmur jigbor l-affarijiet personali tieghu mill-garaxx u jkun eskortat 'il barra.

6.4 **Martin Fenech**, ir-rikorrent, stqarr li kien impjegat mal-kumpanija intimata ghal dawn l-ahhar dsatax -il sena fil-kariga ta' haddied. Ix-xoghol tieghu kien jinkludi kejl, tfassil u manifattura ta' strutturi tal-hadid bhal gallariji, turgien, bibien, twieqi, ecc. Ix-xoghol dejjem ghamlu tajjeb u lesta fil-hin. Zied jghid li

hu spiss kien jahdem bis-sahra, hadem xoghol privat ghall-kumpanija intimata stess, dejjem attenda ghat-tahrig hlief meta kien avzat tard, u qatt ma falla mix-xoghol minghajr permess. Dan ghaliex meta ma setax jidhol ghax-xoghol u ma kienx talab *leave* minn qabel kien icempel lil John Persiano u jitolbu l-*leave*. Ghalkemm kien jaf bil-procedura formali tal-*leave,* din mhux dejjem kienet tkun segwita. Tant hu hekk li xi drabi l-applikazzjoni kienet timtela minn John Persiano nnifsu. Il-granet fejn kien muri assenti kienu drabi meta kien assenjat xoghol fuq is-sit ta' Tigne fejn ma kienx hemm *palm reader*. Id-drabi meta kien muri li dahal tard mill-waqfien tal-mistrieh kienu drabi meta nqabad fuq ix-xoghol u konsegwentement kien jiehu l-waqfien tieghu tard. Hu qatt ma kien imwiddeb dwar xejn, u d-drabi li waslulu ittri dwar abbuzi minn sahra, *leave* ghall-mard u tardivita kienu cirkularijiet li jintbaghtu lil numru sew ta' impjegati. Nhar il-Hamis 21.05.09 qal lil John Persiano li s-Sibt li kien gej ma setax jahdem sahra ghaliex ried jiehu lil ibnu l-Isptar u li t-Tlieta ta' wara kellu bzonn jiehu saghtejn *leave*. John Persiano mhux talli ma qallu xejn dwar *stop leave*, anzi wiegbu li ma kinitx problema minghajr ma staqsieh ghalfejn ried il-*leave*. Hu agixxa bhalma kien dejjem jaghmel qabel meta talab il-*leave* u ma qalx ghalfejn ried il-*leave*. Dan id-diskors semghuh ukoll Roderick Gafa u Chris Galea li kienu fil-garaxx hdejhom. Meta waslet il-gurnata tat-Tlieta 26.05.09 mar ifakkar lil John Persiano li kien hiereg bil-*leave,* izda din id-darba John Persiano qallu li ma setax japprovalu l-*leave* ghaliex kien hemm ordni ta' *stop leave*. Izda hu kellu appuntament mal-Professur u telaq xorta wahda. Wara li ntemm l-appuntament talab lill-Professur jicceritfika l-attendenza tieghu ghandu ghaliex bassar li seta' jigri xi haga minhabba li telaq minn fuq ix-xoghol minghajr ma kellu l-*leave* approvat. Aktar tard fix-xhieda tieghu ir-rikorrent qal li dan l-istess certifikat talbu biex ikun jaf meta kien mar ghand il-Professur. Wara li spicca mill-appuntament mar id-dar ibiddel hwejgu, halla c-certifikat warajh, u meta rritorna l-Mosta nzamm milli jidhol fl-istabbiliment mill-gwardjan tal-bieb fuq ordnijiet superjuri sakemm kiseb il-permess biex ikellem lil George Mangion. Meta dahal fl-ufficcju ta' George Mangion dan qallu li seta' jitlaq minn fejn gie ghaliex l-impieg tieghu kien intemm b'konsegwenza tat-tluq tieghu minn fuq ix-xoghol minghajr ma kellu *leave* approvat. Ix-xhud qal li hu ma tkellem xejn, la ma' George Mangion u lanqas ma' John Persiano meta dan dahal fl-ufficcju dwar ic-cirkustanzi tal-kaz. Zied jghid li gara hekk ghaliex kien car li d-decizjoni tat-temma tal-impieg kienet ga ttiehdet u wkoll ghaliex kien inhasad. Meta flimkien ma' John Persiano mar biex jiehu l-affarijiet personali tieghu u jirritorna l-ghodda li kien hareg fuq ismu, hu fakkar lil John Persiano li l-Hamis ta' qabel kien talbu l-*leave.* John Persiano wiegbu li mhux sewwa ghamlulu hekk u ssuggerielu jiehu passi kontra l-kumpanija intimata.

6.5 **John Persiano***,* impjegat mal-kumpanija intimata ghal dawn l-ahhar tlieta w ghoxrin sena, l-ahhar tlettax-il sena minnhom fil-kariga ta' *Joinery Foreman,* stqarr li r-rikorrent kien jahdem fit-taqsima tieghu fil-kariga ta' haddied. Zied jghid li r-rikorrent kien jaghmel xoghlu tajjeb, izda kien jaghmel uzu spiss mill-*leave* ghall-mard li dejjem kien certifikat, ifalli minghajr talba ghall-permess minn qabel, u anki jidhol tard ghax-xoghol. Ix-xhud spjega l-procedura ufficjali biex jintalab u jinghata l-*leave*, izda stqarr li hafna drabi l-impjegati li kellhom bzonn il-*leave* la kienu jaghmlu t-talba taghhom tliet ijiem qabel, u lanqas ma kienet timtela l-applikazzjoni. Meta jigri hekk kien jaghti l-approvazzjoni bil-fomm u jimla l-formola hu minnflok l-impjegat. Zied jghid li nhar is-26.05.09 ir-

rikorrent talbu biex jiehu saghtejn *leave* mid-9.00am. Minhabba li f'dawk iz-zminijiet kellhom hafna xoghol, u konsegwentement ghall-ahhar xahrejn kien hemm *leave ban in vigore,* hu ma setax japprovalu l-*leave* minghajr ma jinghata raguni meqjusa valida ghat-talba, ez. f'kazi ta' sahha u ragunijiet familjari, ecc. Ix-xhud ikkonferma li bhala prova ghal-fatt li l-kumpanija intimata kienet taghmel eccezzjonijiet fil-kaz ta' ragunijiet validi, kienu l-applikazzjonijiet ghal *leave* tar-rikorrent li kienu approvati bejn it-13.01.09 u t-30.04.09. Ir-rikorrent wiegbu li kellu qadja li ried jaghmel u telaq fid-9.00am., il-hin tal-ewwel waqfien ghall-mistrieh. Meta ma rritornax fid-9.30am, ix-xhud gharraf b'kollox lil Chris Vassallo kif kien ordnat jaghmel meta xi hadd jitlaq minn fuq ix-xoghol u ma jkunx inghata approvazzjoni ghat-talba tieghu ghal *leave*. Wara ftit tal-hin cempillu George Mangion u qallu li lir-rikorrent ma kinux ser ihalluh jidhol lura. Xi hin wara sar jaf li lir-rikorrent kien intemmlu l-impieg. Ix-xhud cahad li r-rikorrent kien talbu l-*leave* granet qabel is-26.05.09. Ix-xhud temm ix-xhieda tieghu billi kkonferma li l-hinijiet indikati bil-kulur blu fid-dokument immarkat, Dok.C fejn ir-rikorrent jidher li ma dahalx ghax-xoghol, fil-fatt kien xoghol fuq il-progett ta' Tigne fejn ma kienx hemm taghmir biex l-impjegati jirregistraw l-attendenza taghhom.

6.6 **Chris Vassallo***,* impjegat mal-kumpanija intimata fil-kariga ta' *General Manager,* stqarr li l-kumpanija intimata kienet timmanifattura xoghol ta' injam u hadid fl-industrija tal-kostruzzjoni fejn il-kisba tal-kuntratti kienet tant kompetittiva li l-kuntratti kienu jgorru penalitajiet iebsa fil-kazi ta' tardivita u nuqqasijiet ohra. Ix-xhud kompla li matul l-2008 u l-2009 hu kien widdeb diversi drabi lir-rikorrent rigwardanti l-assenza tieghu minn fuq il-lant tax-xoghol, sahansitra f'okkazjoni socjali kien tkellem ukoll mal-mara tar-rikorrent u qalilha l-istess affarijiet, izda kien kollu ghal xejn. Ix-xhud qal li ghalkemm hu minnu li r-rikorrent inzamm fl-impieg minkejja n-nuqqasijiet li ssemmew, dan gara ghaliex kien difficli hafna li fis-suq issib haddiema bl-istess sena u esperjenza ta' Haddied. Xi jum tard f'April jew fil-bidu ta' Mejju 2009, ir-rikorrent kien talbu z-zieda u zied jghidlu li kien qieghed jiehu kors biex fi zmien opportun imur jahdem mal-Freeport. Ix-xoghol li kellu f'idu r-rikorrent fiz-zmien tal-incident kien il-manifattura ta' tarag tal-hadid li ghalkemm bl-istallazzjoni b'kollox fl-offerta kien stmat bi tliet ijiem xoghol, il-kumpanija intimata allokat sitt ijiem zmien biex jitlesta sas-26.05.09. Fil-kaz ta' tardivita kien hemm marbuta penali. Minhabba l-importanza tal-progett, u dejjem bil-ghan li jkun evitat il-hlas ta' penali, ix-xhud kien talab lir-rikorrent ripetutament biex joqghod bis-sahra, izda dan dejjem irrifjuta ghaliex ix-xoghol kien ser ilestih fiz-zmien. Ix-xhud zied jghid li hu mar ikellem lir-rikorrent fuq il-lant tax-xoghol il-Hamis, il-Gimgha, is-Sibt u t-Tnejn ta' qabel, u dejjem kien assigurat mir-rikorrent li x-xoghol kien ser ilestih fiz-zmien. It-Tlieta fil-ghodu x-xhud rega' mar ikellem lir-rikorrent u rega' kien assigurat li x-xoghol ser jitlesta. Minbarra hekk fl-ebda mument ma kien mgharraf mir-rikorrent li kellu bzonn johrog ghal xi hin fil-jum tat-Tlieta. Aktar tard fl-istess jum cempillu John Persiano u gharrfu li r-rikorrent ried johrog bil-*leave* minghajr ma ta raguni, u minkejja li qallu li minghajr raguni valida ma setax japprovalu t-talba, ir-rikorrent xorta wahda insista li jitlaq bil-*leave*. Ix-xhud qal lil John Persiano li jekk ir-rikorrent jitlaq bil-*leave* minghajr approvazzjoni kien itemmlu l-impieg. Minkejja li John Persiano ma approvalux il-*leave*, ir-rikorrent xorta wahda telaq minn fuq il-lant tax-xoghol. Galadarba sfida l-ordni hu ddecieda li jtemmlu l-impieg minghajr aktar diskors. Dan id-diskors dwar konsegwenzi

ma ntqalx qabel lir-rikorrent, izda r-rikorrent kien jaf l-importanza tal-progett u l-konsegwenzi li setghu jirrizultaw fuqu jekk ma jitlestiex. Ghalkemm ix-xoghol tlesta fil-hin, dan gara ghaliex il-kumpanija intimata allokat aktar nies fuq il-bicca xoghol bi spejjez akbar ghaliha.

**7. Gabra fil-qosor tat-trattazzjonijiet**

7.1 Fit-trattazzjoni tal-kaz l-Avukat Aldo Vella ghall-kumpanija intimata stqarr li r-rikorrent webbes rasu biex ma jghidx ghalfejn kellu bzonn il-leave, u b'mod irresponsabbli abbanduna l-lant tax-xoghol, u konsegwentement it-temma tal-impieg hi gustifikata.

7.2 Fit-trattazzjoni tal-kaz l-Avukat Noel Camilleri f'isem ir-rikorrent

7.2.1 stqarr li:

- Il-kumpanija intimata kkonfermat li r-rikorrent kien jaghmel xoghlu tajjeb.
- It-trazzin tal-*leave* ma setax ikun ilu *in vigore* xahrejn ghaliex kif jirrizulta mill-istess dokumenti pprezentati mill-kumpanija intimata, matul ix-xahrejn qabel it-temma tal-impieg, ir-rikorrent inghata *leave* bil-hlas anki b'sighat, diversi drabi.
- Id-decizjoni tat-temma tal-impieg ittiehdet fiz-zmien meta r-rikorrent kien barra bil-*leave,* u konsegwentement ma nghata ebda opportunita ta' difiza.
- Ir-rikorrent ma kienx jieqaf ghal siegha mistrieh kif kellu dritt jaghmel. Dan kien jaghmlu biex ipatti ghat-tardivita' tieghu. Minbarra hekk, il-kumpanija intimata ma gabitx prova dwar dak li qalet li kien jirrizulta mit-taghmir elettroniku li jintuza biex tkun registrata l-attendenza.
- Ix-xhieda tar-rikorrent kienet konsistenti u korretta, u konsegwentement kredibbli. Dik tal-kumpanija kienet zbaljata fir-rigward tad-drabi meta kif jirrizulta mid-dokumenti tal-*palm reader* allegatament kien assenti mix-xoghol fil-granet li kien xoghol f'post fejn ma kienx hemm *palm reader*, u tad-drabi meta ma kienx jaghmel sahra, meta jirrizulta mill-provi li kien spiss jahdem bis-sahra.
- Il-formalita' procedurali ghall-applikazzjoni tal-*leave* diversi drabi ma kinitx tinzamm, u l-applikazzjoni kienet timtela minn John Persiano f'isem l-applikanti.
- Ma kien hemm ebda twiddib dixxiplinarju kontra r-rikorrent. Id-drabi li waslitlu xi ittra kienu drabi meta l-kumpanija kienet tigbed l-attenzjoni ta' diversi impjegati biex jaghmlu uzu gust tal-*leave* minhabba mard.

7.2.2 Ghamel riferenza ghad-decizjoni Numru 2051 datata 09.02.2011 fl-ismijiet Melvin Chetcuti vs Bartoli Bros. Limited u ghad-decizjoni Numru 2102 datata 26.09.2011 fl-ismijiet Justin Spiteri vs Bartoli Bros. Limited

## 8. Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal Industrijali

8.1 Fl-assenza ta' ftehim kollettiv, il-kundizzjonijiet tal-impieg tal-haddiema fis-settur tal-Kostruzzjoni huma regolati bil-provvedimenti tal-Avviz Legali Numru 27 ta-1980. Is-sub artiklu 8(3) ta' dan l-avviz jispjega li t-tehid ta' *leave* ghandu jsegwi ftehim bejn min ihaddem u l-impjegat/i.

8.2 Jirrizulta minn dan li d-decizjonijiet tas-sidien f'dan is-setur li jidentifikaw zminijiet meta ma jistax jittiehed *leave* minhabba pressjoni ta' xoghol, u t-tfassil ta' proceduri formali biex jintalbu u jkunu approvati applikazzjonijiet ghal-*leave* minn impjegati, ma jiksrux il-provvedimenti statutorji rilevanti. Konsegwentement it-talba tar-rikorrent biex jaghmel uzu minn saghtejn *leave* nhar is-26.05.09 kienet tehtieg l-approvazzjoni tal-kumpanija intimata.

8.3 Fix-xhieda tieghu John Persiano stqarr li:

8.3.1 Kull meta l-kumpanija intimata harget ordni ta' trazzin ta' *leave*, u konformi mal-procedura formali tal-*leave*, dejjem kien hemm infurzar ragjonevoli tat-trazzin u l-applikazzjoni procedurali, kif jixhdu l-istess dokumenti esebiti.

8.3.2 Bil-hsieb li jghin lill-impjegati fit-talbiet taghhom ghal-*leave,* dejjem konformi mal-ordni ta' trazzin u mal-procedura, meta ghal xi raguni jew ohra l-impjegati ma jkunux jistghu jimlew l-applikazzjoni ghal-*leave*, hu stess kien jaghmel l-applikazzjonijiet f'isimhom.

8.3.3 Ghalkemm fi zminijiet ta' pressjoni ta' xoghol kienet tohrog ordni ta' trazzin tal-*leave*, kull talba ghal-*leave* kienet tkun kunsidrata serjament, u t-talbiet kienu jintlaqghu meta l-bzonnijiet tal-applikant ikunu maghrufa, u l-valutazzjoni tal-htigijiet tal-applikant kontrastata ma' dawk tal-kumpanija kienu jiffavorixxu l-approvazzjoni.

8.4 Fil-kaz in kwistjoni l-htigijiet tar-rikorrent ma kinux mgharrfa lill-kumpanija intimata mir-rikorrent, u ghalkemm l-gharfien taghhom lanqas ma kien imfittex mill-kumpanija intimata, jirrizulta li r-rikorrent ma kellux l-approvazzjoni tal-kumpanija intimata biex johrog fuq saghtejn *leave*.

8.5 Nhar il-Hamis 21.05.09 ir-rikorrent ma sabiex bi tqila li jgharraf lil John Persiano li s-Sibt li jsegwi ma setax jahdem bis-sahra ghaliex kellu bzonn jiehu lil ibnu l-Isptar. Ghal xi raguni li ma tinftehimx, sabha bi kbira biex jghid li kellu bzonn jiehu saghtejn *leave* fil-jum tat-Tlieta 26.05.09 ghaliex hu kellu appuntament tieghu ma' specjalista.

8.6 Xi haga ohra li ma tinftehimx hu l-fatt li r-rikorrent talab certifikat minghand l-ispecjalista ghaliex bassar li meta jmur lura fuq ix-xoghol wara l-*leave* seta'

jkun mitlub spjega ghall-agir tieghu. B'dana kollu meta mar id-dar ibiddel hwejgu mar lura fuq ix-xoghol minghajr ic-certifikat tat-tabib. Minbarra hekk meta wasal fuq il-lant tax-xoghol u kien mgharraf li l-impieg tieghu kien intemm ma ta ebda spjega ghall-assenza tieghu.

8.7 Fl-assenza tar-rikorrent minn fuq il-lant tax-xoghol il-*General Manager* ikkonferma li d-decizjoni tat-temma tal-impieg tar-rikorrent hada meta sar jaf li r-rikorrent sfida l-ordni u l-procedura rigwardanti t-tehid tal-*leave* u assenta ruhu ghal saghtejn fuq *leave* li t-talba ghalihom ma kinitx approvata.

*8.8* John Persiano fil-kariga tieghu amministrattiva fl-ebda stadju ma staqsa lir-rikorrent biex jghidlu ghalfejn ried jiehu l-*leave.* George Mangion fil-kariga importani tieghu li jizen il-bzonnijiet tal-impjegati flimkien mal-htigijiet tal-kumpanija intimata ma ghamel ebda intervent biex jikseb it-taghrif kollu mehtieg biex il-kumpanija intimata tkun tista' tiehu decizjoni gusta dwar l-agir apparentement sfidanti tar-rikorrent. Chris Vassallo iddecieda li jtemm l-impieg tar-rikorrent fin-nuqqas ta' gharfien tar-raguni ghat-talba tal-*leave* tar-rikorrent. *Tutto sommato* id-decizjoni tat-temma tal-impieg ittiehdet minghajr gharfien tar-raguni ghaliex ir-rikorrent ried il-*leave* u fin-nuqqas ta' opportunita biex ir-rikorrent jispjega r-ragunijiet tieghu ghal dak li deher agir sfidanti minnu versu t-twegiba tal-*Forema*n ghall-applikazzjoni ghal-*leave.*

## 9. Decizjoni

It-Tribunal Industrijali, wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet, evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, u ghamel riferenza ghall-provvedimenti tal-Artiklu 81 (2) (*a*) tal-Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta, jaqta' u jiddeciedi li:

9.1 L-imgiba tar-rikorrent, meta:

9.1.1 Nhar il-21.05.09 ma sabx diffikulta jispjega li nhar is-Sibt li jsegwi ma setax jidhol jahdem sahra ghaliex kellu bzonn jiehu lil ibnu l-Isptar.

9.1.2 Nhar is-26.05.09 naqas li jaghti raguni ghat-talba tieghu ghal-*leave* meta John Persiano wiegbu li ma setax jiehu *leave*.

9.1.3 Minkejja li nhar is-26.05.09 talab lill-ispecjalista biex johroglu certfikat mediku ghaliex bassar li meta jirritorna lura fuq il-lant tax-xoghol seta' jintalab spjega ghall-agir tieghu, b'dan kollu ic-certfikat hallieh id-dar.

9.1.4 Nhar is-26.05.09 wara li dahal lura mis-saghtejn leave naqas milli jipprezenta lill-kumpanija intimata c-certifikat li qal li kiseb minghand l-ispecjalista ghaliex bassar li seta' jkun hemm problema meta jidhol lura ghax-xoghol.

kollha kkontribwew bil-qawwa ghat-temma tal-impieg tieghu.

9.2 Ir-raguni li wasslet lil Chris Vassallo jtemm l-impieg tar-rikorrent kien l-agir apparentement sfidanti tar-rikorrent meta ghamel uzu minn saghtejn *leav*e minghajr approvazzjoni.

9.3 In-nuqqas tal-kumpanija intimata li taghti kunsiderazzjoni xierqa ghal dak li r-rikorrent seta' kellu xi jghid in difeza rigwardanti l-akkuza ta' uzu ta' *leave* minghajr approvazzjoni, jikser id-dritt ta' smigh xieraq. Minhabba f'hekk it-temma tal-impieg tar-rikorrent ma saritx ghal raguni tajba u bizzejjed skond il-Ligi.

9.4 L-kumpanija intimata ghandha thallas lir-rikorrent is-somma ta' Erbat Elef Erba' Mija Tnejn u Tmenin Ewro (€4482.00) bhala kumpens ghal tkeccija ingusta. Dan il-hlas ghandu jsir sa nhar il-31 ta' Marzu 2012.

Ghall-fini ta' taxxa u drittijiet it-Tribunal Industrijali jiffissa s-somma ta' Tlieta u Disghin Ewro u Sbatax -il centezmu (€93.17).

---

**A. DEGIOVANNI**
**Chairman**